MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2010

Numru. 81/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Anzjan Anthony Cassar)**

**Vs**

**Carlo Stivala ta' 29 sena, iben Carmelo u Maria nee' Debono, imwieled Tal-Pieta' fis-26 ta' Gunju 1980 u joqghod fl-indirizz numru 146, The Strand, Gzira jew Flat numru 4, Tal-Qroqq Mansions, Tal-Qroqq Street, Msida detentur tal-karta ta'l-identita' numru 23589(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Carlo Stivala li gie akkuzat talli f'Haz Zabbar nhar it-Tlieta 29 ta' Jannar 2008 ghal habta ta'xil-hamsa ta' fil-ghaxija:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' tentattiv ta' ferita gravi fuq il-persuna tal-mara tieghu Therese Stivala minn

Haz Zabbar, kif ukoll fuq il-persuna ta' PC 871 Duncan Micallef wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzjoni tad-delitt billi saq il-vettura tieghu ta' l-ghamla Volkswagon Passat ta' lewn metalic blu', bin-numru ta' registrazzjoni LCC362 fid-direzzjoni taghhom, liema delitt ma giex esegwiet minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

2. u aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni LCC362 b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont;

3. u aktar talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi saq il-vettura tieghu b'giri aktar milli jmissu;

4. u aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta'l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tal-31 ta' Jannar 2007 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat principalment fuq it-tentattiv tar-reat ta' offizi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' l-ufficjal tal-pulizija 871 Duncan Micallef illi kien fil-qadi ta' dmirijietu u fuq martu Therese Stivala. Illi mill-provi akkwizti jirrizulta illi l-imputat u Therese Stivala jinsabu ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni. Illi l-parti leza tikkontendi illi kienet qed issib diffikulta sabiex tinnotifika lill-imputat bl-avvizi tal-Qorti. Ghal dana il-ghan hija infurmat lill-pulizija illi l-imputat kien imur jigbor lil binhom mir-residenza taghha gewwa Haz Zabbar f'certi granet tal-gimgha. Kien ghal dan il-ghan illi l-kuntistabbli 871 mar fil-gurnata ta'l-incident vicin ir-residenza ta' Therese Stivala. Hekk kif huwa ra lill-imputat iwaqqaf il-karozza tieghu

hdejn dina r-residenza, huwa avvicinah. L-imputat baqa' fil-vettrua tieghu u mit-tieqa ta'l-istess il-kuntistabbli ghaddielu l-avvizi in kwistjoni. L-imputat izda kien urtat illi l-kuntistabbli kien qed jinnotifikah b'dana il-mod. Dana l-imputat jistqarru huwa stess. Ghalhekk b'rabbja huwa saq il-vettura minn fejn kien wieqaf u telaq minn fuq il-post bl-herra. Hekk kif kien qieghed jaghmel dina l-manuvra, wasslet fuq il-post ukoll Therese Stivala li kienet ser tiftah il-bieba tal-karozza taghha sabiex tinzel mill-vettura. B'dina l-manuvra il-kuntistabbli jallega illi l-imputat kien ser jolqtu u resaq lura tempestivament filwaqt illi hekk kif kiser u saq, Stivala tallega illi l-imputat laqat il-bieba tal-vettura taghha bil-vettura tieghu.

Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: **"Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."**

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi jrid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

***"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation."***

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta' dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

***"So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral parrt of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."***

Illi l-ahhar element legali li isawwar it-tentattiv huwa n-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati. Illi ghalhekk irid ikun hemm xi azzjoni indipendenti li b'xi mod tisfratta dina l-

intenzjoni tad-delinkwent biex b'hekk ir-reat ma jigix ikkunsmat. Izda jista' jisussisti ukoll it-tentattiv tar-eat jekk il-hati jieqaf minn jeddu u f'dana il-kaz huwa ikollu l-impunita u jehel il-piena ghal dawk l-atti li ikunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi. Ighid il-Pofessur Mamo:

"The law is satisfied if the desistance is voluntary, or in other words, if the determination of the agent not to prosecute the commission of the crime is made freely by him and not imposed upon him by external agencies independent of his will … The concept of voluntary desistance includes both the forbearance of the agent from doing further acts of execution of the crime, as well as the counter-action of the agent directed to undo the acts already or to prevent their effects."

Maghmula dawna l-osservazzjonijiet, irid jigi stabbilit jekk l-imputat jistax jinstab hati tar-reat ta' tenattiv ta' offiza gravi. Illi sabiex jissusti ir-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. **"Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu."** (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: ***"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible."*** (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid ***"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than***

***the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."***

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul u ikkonkludiet: "Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz.

Ghalhekk qabel xejn irid jigi stabbilit jekk fil-mument illi l-imputat saq il-vettura tieghu, huwa kellux dina l-intenzjoni generika li jikkaguna xi hsara fuq l-kuntistabbli Micallef u fuq martu Therese Stivala. Illi mill-provi akkwizti ma jistax jinghad illi dina l-intenzjoni giet ippruvata. Dana qed jinghad mhux biss minn dak li jistqarr l-imputat u cioe' mic-cahda tieghu illi huwa ried jaghmel xi hsara lil dawn it-tnejn minn nies izda ukoll minn dak li jixhdu il-kuntistabbli Micallef u martu.

Therese Stivala tghid testwalment: **"Fil-fatt jiena nghid illi huwa saq mhux ghal fuq il-pulizija izda sabiex jahrab minn fuq il-post u nahseb dik kienet l-intenzjoni tieghu illi huwa jitlaq sabiex jevita li jigi notifikat bil-karti li kont qed nipprova ninnotifikah bihom izda meta ghamel dina l-manuvra huwa kien ghoddu laqghat lill-pulizija li kien qieghed bil-wieqfa ezatt qed imiss mal-karozza tieghu, kif diga xehdet, u ghoddu laqghat lili ukoll li kont qed nahseb biex nohrog mill-vettura li kienet ipparkeggjata fuq in-naha l-ohra tat-triq."**[1]

[1] Ara xhieda Therese Stivala a fol.28

Fuq l-istess linja, il-PC871 ighid: **“Nghid illi meta ghamel dina l-manuvra, l-imputat kellu intenzjoni biex johrog u jitlaq izda meta ghamel dina l-manuva jiena kont vicin tieghu u nghid illi kiser ghal fuq il-vettura illi kien hemm tal-parti leza li kienet ipparkeggjata fuq in-naha l-ohra tat-triq u dahal fuq il-bieba taghha”**[2]

L-imputat ukoll fix-xhieda tieghu isostni illi fil-mument illi l-kuntitsabbli gie biex ighaddielu l-avvizi tal-Qorti huwa hassu urtat peress illi dehrlu li dana ma kienx il-mod kif kellu jigi innotifikat u ghalhekk qabad u telaq minn fuq il-post minghajr ma biss gabar lil ibnu kif kien gie sabiex jaghmel.[3]

Illi minn dana kollu ghalhekk huwa car illi l-imputat kellu intenzjoni wahda biss u cioe’ li jevita li jigi notifikat bl-avvizi tal-Qorti u ghalhekk sabiex jaghmel dana huwa harab minn fuq il-post. Ghalhekk ma giex ippruvat illi l-imputat b’xi mod ried jikkaguna xi offiza fuq il-persuni tal-kuntistabbli Micallef jew ta’ martu.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll illi saq b’manjiera traskurata, perikoluza u minghajr kont meta bil-manuvri tieghu tas-sewqan huwa kien ser jikkaguna hsara fuq il-persuna tal-kuntistabbli Micallef u anke fuq martu Therese Stivala meta laqat il-bieba tal-vettura taghha hekk kif kienet qed thejji ruhha sabiex tinzel mill-istess.

Illi l-Qorti, allura trid tistabilixxi jekk is-sewqan tal-imputat kienx wiehed kif previst fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta’ Mejju 1997 fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Alfred Mifsud”, il-Qorti enuncjat it-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta’ sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

[2] Ara xhieda PC871 a fol.75
[3] Ara xhieda ta’l-imputat a fol.103

“S**ewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta’ sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta’sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta’ esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita ta’ sewqan ta’ dak li jkun jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.

**Sewqan bla kont** (*reckless driving*) hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala ‘sewqan bi traskuragini kbira’. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta’ sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta’ traskuragini tkun kbira u tinkludi l-kazijiet ‘fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m’ghandux jiehu minhabba l-probabilita’ ta’ hsara li tista’ tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.’

**Sewqan perikoluz** (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta’ perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita’ tal-incident u l-presenza o meno ta’ traffiku iehor jew ta’ nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f’kaz partikolari jista’ jaqa taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta’ sewqan, f’liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta’ konkors ta’ reati. Ai finijiet ta’ piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta’ sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f’dak tas-sewqan bla kont u f’dawk tas-sewqan perikoluz.

Illi l-imputat jikkontendi illi huwa saq b’mod normali u li fl-ebda hin ma kien ser itajjar lil Micallef u lanqas laqat il-bieba tal-vettura ta’ martu. Illi l-Qorti hawnhekk ma temmnux. L-imputat stess ighid illi huwa kien urtat u irrabbjat meta l-PC871 ghaddielu l-avvizi tal-Qorti tant illi huwa stess jammetti illi qabad dawn l-avvizi u rega waddabhomlu lura biex b’hekk l-istess spiccaw kollha fl-art. Hawnhekk l-unika hsieb li kellu l-imputat kien li jitlaq jigri minn fuq il-post. Fil-fatt ghalkemm l-imputat kien mar

fuq il-post sabiex jezercita d-dritt tieghu ta'l-access favur ibnu minuri, f'dana l-mument huwa qabad u saq minn fuq il-post minghajr ma  baqa' jistenna lil ibnu. Tant kienet l-intenzjoni li ifittex jitlaq sabiex ma jigix notifikat b'dawn l-avvizi illi ipprefera jitlaq milli jistenna sabiex jara lil ibnu! Dana kollu iwassal lil Qorti ghal konkluzjoni wahda u cioe' illi l-verzjoni motghija mill-PC871 u minn Therese Stivala hija wahda iktar kredibbli minn dak li ighid l-imputat.

Illi mill-provi akkwizti jirrizulta illi quddiem il-vettura ta'l-imputat kien hemm vettura ohra u ghalhekk l-imputat ma setax isuq fid-dritt. Ghalhekk kellu jaghmel manuvra billi jikser l-isteering wheel, jerga' lura u jerga isuq il-quddiem sabiex johorg mill-post fejn kien wieqaf. Meta ghamel dana huwa ma ha l-ebda prekawzzjonijiet kemm ghall-inkoluminita' tal-kuntistabbli li kien wieqaf proprju mal-vettura tieghu u lanqas ghal utenti l-ohra tat-triq kemm vetturi u kemm *pedestrians*. Fil-fatt mhux biss kien ser jolqot lil pulizija, izda tant kiser u hareg bis-sahha sabiex ifittex isuq minn fuq il-post li ghadda bi sbrixx mal-bieba tal-vettura ta' martu li f'dak il-mument kienet qed tintenta tinzel mill-istess ventura. Illi dana kollu certament jammonta ghal sewqan perikoluz u ghalhekk it-tieni akkuza migjuba fil-konfont ta'l-imputat giet ippruvata. Illi ghar-rigward tat-tielet akkuza ghalkemm l-imputat bil-manuvra illi ghamel kien ta' periklu ghall-utenti l-ohra tat-triq, madanakollu ma jirrizultax mill-provi illi huwa kien qieghed isuq b'xi velocita' eccessiva u ghalhekk dina l-akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ahhar akkuza ta'natura kontravvenzjonali, l-imputat jinsab akkuzat illi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-kuntisabbli 871 Micallef. Illi dana ukoll jirrizulta ippruvat u dana billi l-imputat irrifjuta l-avvizi mghoddija lilu mill-istess kuntistabbli u minflok ma accettahom, rega' tefaghhomlu lura b'rabbja.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi partikolari li kienu jezistu fi zmien l-incident mertu ta' dina

l-kawza. Kif diga inghad l-imputat kien ghaddej proceduri ta’ separazzjoni minn martu Therese Stivala, proceduri li jidher li kienu ikkarakterizzati b’certu animosita’. Fil-fatt jidher illi kienu qed isiru sensiela ta’ rapporti lill-pulizija mill-partijiet fuq incidenti li kienu qed jinqalghu minhabba dana id-disgwid li kien hemm bejniethom. L-imputat ighid illi illum is-sitwazzjoni tjiebet tant illi isostni illi ma ghadx hemm proceduri pendenti il-Qorti bejnu u bejn martu Therese Stivala. Illi l-fedina penali ta’l-imputat hija wahda kwazi netta hlief kundanna wahda biss li ma hijiex relatata ma’ dana il-kaz izda man-negozju ta’ l-imputat. Illi fir-rigward tat-talba tal-prosekuzzjoni ghall-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ta’l-imputat, l-Qoti ma thossx illi f’dana il-kaz ghandha tigi applikata dina s-sanzjoni ulterjuri u ghalkemm is-sewqan ta’l-imputat seta kellu konsegwenzi iktar serji, madanakollu kif diga inghad iktar ‘il fuq jidher illi dina l-imgieba trid tittiehed fl-isfond partikolari ta’ dana il-kaz.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-atikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta’ Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel u it-tielet akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tat-tieni u l-ahhar akkuzi u tikkundannah ihallas multa ta’ mija u ghoxrin ewro (€120).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------